# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 260/01mm**

**Cutajar (Installations) Limited**

**vs**

**Lena Investments Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin (Lm560.00) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghall-airconditioner mibjugh u ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Frar, 2001, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur